MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 1221/2013

**Gasan Mamo Insurance Limited (C 2143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Zarb Garage Limited (C 7125) u l-istess Zarb Garage Limited (C 7125)**

**vs**

**Roc A Go Crane Services Limited (C 27553), Anthony Theuma (ID 422369), Victor Micallef (ID 940547M), Kevin Bartolo (ID 243583M), Salvatore Micallef (ID 381267M)**

**Il-Qorti,**

**I. <u>PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors imressaq mir-rikorrent Kevin Bartolo datat it-23 ta' Dicembru 2013 li bih talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet hemm imsemmija : -

i) tordna li l-mandat premess m'ghandux ikollu effett fuq dik il-parti tal-paga tieghu li tissupera €698.81 *a tenur* tal-artikolu 382 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

ii) fit-termini tal-artikolu 836(1) (f) tal-Kap.12 tirrevoka ghal kollox il-mandati ta' sekwestru imsemmi numru 1928/13 fl-ismijiet "*Gasan Mamo Insurance Limited (C 2143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Zarb Garage Limited (C 7125) u l-istess Zarb Garage Limited (C 7125).* v *Roc A Go Crane Services Limited (C 27553), Anthony Theuma (ID 422369), Victor Micallef (ID 940547M), Kevin Bartolo (ID 243583M), Salvatore Micallef (ID 381267M).*"

iii.) Tiddikjara li l-mandat premess sar malizzjozament u vessatorjament bi ksur tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap.12, u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' sekwestranti timponi penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux izjed minn €6,988.12;

iv) Jew fin-nuqqas timponi fuq is-socjeta` sekwestranti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta u ta' danni u, fin-nuqqas, tnehhi l-att kawtelatorju *a tenur* tal-artikolu 838 A tal-Kap.12.

Rat id-Digriet taghha tat-30 ta' Dicembru 2013 li permezz tal-istess ordnat lir-rikorrent sabiex jesebixxi kopja legali tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1928/13 u ordnat in-notifika tal-kontroparti b'sebat (7) ijiem zmien ghat-twegiba, kif ukoll appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal nhar il-21 ta' Jannar 2014.

Rat id-dokument esebit.

Rat ir-risposta tal-intimat ezekutanti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2014 fejn, meta ssejjah ir-rikors dehru Dr. David Camilleri ghar-rikorrent u Dr. Louis Bianchi ghal Gasan Mamo Insurance Ltd. u Dr. Massimo Vella ghal Zarb Garage Ltd.

Rat l-atti, semghet ix-xhieda ta' Kevin Bartolo, semghet lid-difensuri tal-partijiet u ddifferiet ir-rikors ghal digriet finali ghas-6 ta' Frar 2014.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li nhareg kontrih fl-ismijiet fuq citati fid-19 ta' Dicembru 2013 fl-ammont ta' €44,025.16 bhala *sorte* li "*tirraprezenta sorte kanonizzata a favur tas-sekwestranti skont is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Gasan Mamo Insurance Limited et v Roc A Go Crane Services Limited et* (Cit. 602/2007) moghtija fid-19 ta' Novembru 2013.

Jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li bis-sentenza premessa, wiehed mis-sekwestrati, Salvatore Micallef gie misjub unikament resposabbli ghal danni kkagunati waqt li kien qed jopera *crane* fuq il-lant tax-xoghol. L-intimati l-ohra gew skagunati minn tali addebitu. Madanakollu s-sentenza giet appellata kemm minn Salvatore Micallef, kif ukoll mill-ezekutanti u l-mandat odjern inhareg wara li nghatat is-sentenza in prim'istanza sabiex il-jeddijiet tal-ezekutanti jigu kkawtelati kontra l-intimati kollha sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga fl-istadju tal-appell.

*Inoltre* l-Qorti semghet lil Kevin Bartolo bil-gurament li xehed li paga wahda tieghu kienet lehqet giet depozitata fil-kont bankarju tieghu ghalkemm irranga mod iehor ghall-hlas ta' pagi sussegwenti. F'dan ir-rigward l-artikolu 382 tal-Kap.12 gie gustament invokat minnu u l-Qorti ser tghaddi biex tillibera mill-effetti tal-Mandat *de quo* l-ammont ta' sitt mija u tmienja u disgħin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81).

L-ewwel talba hija ghalhekk milqugha.

Ir-rikorrent invoka *inoltre* l-artikolu **836(1)(f) tal-Kap.12** bhala kawzali ghat-talba tieghu ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju premessa.

**Ikkonsidrat** li min irresaq talba *a tenur* tal-artikolu **836 (1) tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* ta' att kawtelatorju, hu obbligat li jsostni t-talba tieghu skont xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati fil-paragrafi (a) sa (f) tal-istess **Artikolu 836(1**).

Hu pacifiku li l-ezami li trid taghmel il-Qorti hu dak biss ta' *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz fil-kawza bejn il-partijiet. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, tenut kont li si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghadha qieghda tistenna l-ezitu finali tal-kawza dwar il-mertu. (Ara s-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut*** datata 5 ta' Ġunju 2003).

Dan is-subartikolu 836(1)(f) jghid li *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*.

*Ghalhekk f'dawn il-proceduri r-rikorrenti ghandhom jippruvaw li tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz mhux ragjonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh u li xi wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-mandat m'ghadhiex tezisti."(* ***Dr. Tonio Fenech noe v Dr. Patrick Spiteri et. noe "*** - PA(GC) -dec. fit-3 ta' Awissu 2003 ). Illi minn kliem il-liġi stess joħroġ ċar li sabiex jitwarrab Mandat (jew parti) abbażi ta' dan is-subartikolu hu meħtieġ li jkun hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi mid-data tal-ħruġ tal-Mandat;

Illi sabiex issir din l-analiżi wieħed irid iqis jekk mid-data tal-ħruġ tal-Mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi tant hu hekk li fis-sentenza suċċitata fl-ismijiet "***Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea"*** tad-29 ta' Lulju 2005,din il-Qorti kif diversament presjeduta,fl-analiżi tagħha tas-subartikolu 836(1)(f) reġgħet iċċitat il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Mandat:

*“Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista’ toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta’ dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta’ dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu”*;

Ir-rikorrent jilmenta li l-intimati misshom ipprezentaw il-hrug ta' mandat kawtelatorju fil-mori tal-proceduri fl-ewwel istanza u mhux tardivament wara li nghatat is-sentenza. B'dik is-sentenza, l-ewwel Qorti ikkonkludiet li r-rikorrent m'ghandu l-ebda tort fl-akkadut.

Filwaqt li l-Qorti tifhem il-pozizzjoni tar-rikorrent, il-Qorti tqis li t-talba tieghu ma tistax tigi gustifikata skont il-Ligi. Is-sentenza appellata ghadha ma ghaddietx in gudikat u tista' wkoll tigi varjata mill-Qorti ta' l-Appell. L-intimati ghandhom kull jedd *prima* facie li jikkawtelaw id-drittijiet taghhom f'kull stadju tal-proceduri.

Hu pacifiku li l-istharrig li jista' jsir f'dawn il-proceduri huwa biss wiehed fuq bazi *prima facie* u din il-Qorti ma tistax tharreg kwistjonijiet ta' mertu. Dak li jghid ir-rikorrent, u cioe`, li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti, hija certament konsiderazzjoni li tolqot il-mertu tal-proceduri istitwiti fl-istadju ta' l-Appell u ma jnaqqsux mill-validita` u mill-gustifikazzjoni tal-mandat impunjat.

Il-bilanc li l-Qorti trid tilhaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra taghha ssir il-pretensjoni, jrid jigi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tieghu, protezzjoni bikrija mahsuba mil-ligi sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-ghan ta' Mandat kawtelatorju hu li *jiffriza* l-qaghda sakemm il-kwistjoni tigi determinata definitivament u kif ghandu jkun fuq il-mertu.

Il-Qorti ghal dawn il-motivi, hi tal-fehma li ma jissussistix ir-ragun dedott a bazi tal-artikolu 836(1)(f), u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet taghha, qed tichad it-tieni talba dedotta minn Kevin Bartolo.

**Penali u Danni**

Illi saret talba wkoll sabiex is-socjetajiet intimati jigu ikkundannati ihallsu penali abbazi tal-**artikolu 836 (8) (d) tal-Kap. 12**, izda bil-procedura odjerna ma giet ippruvata lanqas minimament u mad-daqqa t'ghajn xi forma ta' malizzja, frivolozita, jew vessatorjeta' fil-hrug tal-mandat in ezami u ghalhekk anke din it-talba qed tigi michuda ghaliex kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi fl-ahharnett qed tintalab garanzija abbazi tal-**artikolu 838A tal-Kap. 12** li jipprovdi li:-

*"Il-qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li tnehhi l-att kawtelatorju".*

Illi fl-ewwel lok gja inghad li mkien f'dawn l-atti ma gie ppruvat li l-istess mandat kawtelatorju nhareg mis-socjeta` intimata odjerna b'mod abbuziv jew vessatorju, u dan lanqas fuq bazi ta' *prima facie*. Din il-Qorti tosserva wkoll li f'dawn il-proceduri ma ntweriet l-ebda gusta kawza ghaliex ghandu japplika dak li hemm indikat fl-imsemmi artikolu hawn taht ezami – anzi abbazi ta' dak hawn deciz gie ppruvat il-kuntrarju; allura jsegwi li s-socjeta' rikorrenti odjerna ma ppruvatx dak li huwa mehtieg bhala "gusta kawza" fl-artikolu minnha citat, u dan johrog car minn dak kollu li ntqal minn din il-Qorti f'dan il-provvediment odjern.

Illi dan huwa konformi ma' dak li gie stabbilit fid-decizjoni **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited"** (P.A. (RCP) – 20 ta' Mejju 2002) u wkoll fid-

decizjoni **“Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et”** (P.A. – 30 ta’ Gunju 2000) fejn inghad:-

*“Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta….”*

Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm il-persuna li kontra taghha nhareg il-mandat ghandha diversi triqat x’taghzel li tiehu sabiex tipprotegi l-interessi taghha tul il-pendenza ta’ l-istess mandat, inkluz ir-revoka ta’ l-istess, it-talba ghall-hlas ta’ penali u anke t-talba ghall-hlas ta’ danni, u alternattivament it-talba ghall-hlas ta’ garanzija, huma ntimament konnessa mal-mod kif intalab il-hrug tal-mandat kawtelatorju u c-cirkostanzi kollha *prima facie* li wasslu l-istess sabiex tali talba tintlaqa’ mill-Qorti.
Illi din il-Qorti thoss li huwa principju assodat mill-gurisprudenza lokali li l-ezercizzju tad-dritt ma jista’ qatt iwassal ghar-responsabbilta’ ghad-danni, sakemm id-dritt ma jkunx abbuzat u sakemm l-istess dritt jkun ezercitat fil-limiti permessi fil-ligi. Fil-fatt fid-decizjoni **“John Zarb vs Port Cottonera Limited”** (P.A. (TM) – 18 ta’ Settembru 2002) gie deciz li:-

*“Ghalhekk, gie deciz li min jiftah il-kawza u jitlifha, ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b’mod vessatorju (ara “Farrugia vs Sammut”, Kollez. Vol. XXXVIII.i.223); u “Barbara vs Fleri” Kollez. Vol.XXVIII.iii.695). Huwa meta persuna tagixxi kapriccosament jew b’mala fed, li hija tista’ tkun responsabbli ghad-danni li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha”.*

*“Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista’ taqbel li c-cirkostanzi ta’ meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista’ jinsab responsabbli ghad-danni, mhux limitat ghal dak provdut fl-artikolu 836 (8) tal-Kap 12, thoss li r-responsabbilta` trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap 16), b’mod li jkun*

*responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus pater familias".*

Illi l-pozizzjoni dwar kawza ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar da parte tal-konvenuti ta' rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni gie trattat fil-kawza fl-ismijiet **"Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri"** (P.A. (J.S.P.) 10 ta' Jannar 1992) fejn gew riaffermati s-segwenti principji:-

(a) Illi huwa principju fondamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju jkun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.

(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.

(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. *"Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca"* (**"Demajo vs Page"** - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895) Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interprettazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.

(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' (**"Emanuele Calleja vs Carmelo Grima"** - A.C. - XXXIX. I. 24) naxxenti minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu negligenza gravament kolpuza **("Agius vs Dott. Carbone nomine"** - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju jkun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti *"priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a*

*base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite".* (**"Mugliette vs Bezzina"** *- XXVI. I. 405).*

(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi: -

*"Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per prottegere tutti I interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano I bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi " chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..".* (**Baudry - Lacantinerie. - Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg.560).**

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq riferiti din il-Qorti thoss li f'dan l-istadju ma hemm l-ebda bazi sabiex tintalab l-istess garanzija. Dan ghaliex jidher li s-socjetajiet ezekutanti agixxew biss in kawtela tal-pretenzjonijiet taghhom u ma jidhirx li qed isir abbuz f'dan l-istadju mill-istess procedura.

Illi ghalhekk anke f'dan il-kaz it-talba tar-rikorrent odjern qed tigi michuda.

## III. <u>KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li **tilqa'** l-ewwel talba tar-rikorrent u tillibera s-somma ta' sitt mija u tmienja u disgħin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) ghal darba wahda biss mill-effetti tal-Mandat premess, **tilqa'** r-risposta tal-intimati ezekutanti Gasan Mamo Insurance Limited u Zarb Garage Limited u **tichad** it-talbiet rimanenti tar-rikorrent odjern Kevin Bartolo mressqa bir-rikors tieghu

tat-23 ta' Dicembru 2013 ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura a karigu tal-istess rikorrent Kevin Bartolo.

**Moqri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------